MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1211/1995/1

**Charles sive Carmelo Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` CSMR (1994) Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B’citazzjoni fl-ismijiet premessi l-attur nomine wara li ppremetta *illi kien dahhal f’Malta konsenja ta’ toffee u boiled sweets. Meta ddahlet il-merkanzija l-konvenut kien ippretenda illi fuqha kellha tithallas imposta billi deherlu illi kellha tigi kklassifikata taht il-Kap. 17.04 tat-tariffa tad-dwana. Imposta ma tithallasx fuq merkanzija li tkun ikklassfikata bhala “confectionery sugar including boiled sweets and toffee containing cocoa powder, or chocolate flavour, or chocolate essence, or any other chocolate ingredient, chocolate in bars and chocolate beans”. Il-merkanzija ta’ l-attrici kellha tigi kklassifikata bhala mehlusa mill-hlas ta’ l-imposta billi fiha cocoa extracts u chocolate essence, u mhux kif kienet ikklassifikata hazin mill-konvenut. Quddiem il-pretensjoni tal-konvenut is-socjeta` attrici kellha bilfors fl-24 ta’ Mejju 1995, thallas taht protesta hamest elef hames mija u hamsa u tletin lira (Lm5,535) bhala imposta. Dak il-hlas, izda, ghar-ragunijiet imfissra fuq, ma kellux isir, u ghalhekk l-attur nomine fit-18 ta’ Awissu 1995, sejjah il-konvenut biex irodd il-hlas li kien sar, izda l-konvenut baqa’ ma hallasx. Is-socjeta` attrici ghalhekk fethet din il-kawza u talbet illi l-Qorti:*

*(1) tghid illi l-merkanzija importata mill-attrici kien fiha cocoa extracts u chocolate essence;*

*(2) tghid illi ghalhekk ma kellhiex tithallas imposta fuq l-importazzjoni ta’ dik il-merkanzija;*

*(3) tghid illi l-hlas lill-konvenut ta’ hamest elef hames mija u hamsa u tletin lira (LM5,535) bhala imposta ma kellux isir; u*

*(4) tikkundanna lill-konvenut irodd hamest elef hames mija u hamsa u tletin lira (LM5,535) flimkien ma’ l-imghax mill-24 ta’ Mejju 1995, u l-ispejjez, fosthom dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Awissu, 1995.*

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

(1) L-azzjoni ta’ l-attrici saret hazin: il-kwistjoni bejn il-partijiet hija jekk il-helu importat mill-attur kellux jigi

kklassifikat taht HS 1806.9090 (li tigbor fiha chocolate and other food preparations containing cocoa), kif qeghda tippretendi l-attrici, jew inkella taht HS 1704.9020 (toffees and boiled sweets) kif qieghed jghid il-konvenut; il-klassifikazzoni ghalhekk ma tiddependix fuq jekk il-prodott fihx cocoa extracts u chocolate essence izda jekk fihx cocoa (kokotina) jew le; ghal din ir-raguni c-citazzjoni hija "sostanzjalment nulla" ghax "m'hemm xejn miktub li fil-prattika jista' jwassal ghal riklassifikazzjoni tal-prodott importat";

(2) Il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddikjara illi ma tiswiex klassifikazzjoni maghmula mill-konvenut sakemm ma ssibx illi hemm mala fede jew sakemm dan ma jkunx jista' jsir taht l-Art. 742(2) kif kien fis-sehh fiz-zmien meta saret il-klassifikazzjoni;

(3) Il-Qorti ma tistax tintalab taghmel apprezzament xjentifiku tal-prodott sakemm ma jintweriex illi sar "zball manifest" fl-apprezzament maghmul mill-konvenut; u

(4) It-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati billi l-merkanzija importata kienet ikklassiffikata sew u fuqha kellha tithallas imposta.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi tat-28 ta' Gunju 2002, gie deciz billi ntlaqghet r-raba' eccezzjoni tal-konvenut, u billi l-prodott li importat is-socjeta` attrici ma kienx mehlus mill-hlas ta' l-imposta taht l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti lokali, gew michua t-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez gudizzjarji kollha kontra taghha.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR NOMINE</u>**

4.1 L-attur nomine hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq l-aggravji segwenti:

**4.2 L-aggravju tieghu jikkonsisti fis-segwenti: l-ewwel Qorti bir-rispett kollu tat interpretazzjoni**

**taghha ghall-klassifika ta' l-oggetti ghad-dwana li ma tirrispettax il-kanoni ta' interpretazzjoni f'materja fiskali. Il-Harmonized Code gie introdott ghall-iskop preciz li jkun hemm interpretazzjoni konformi tal-klassifikazzjoni ta' oggetti ghal dak li jirrigwarda d-dwana. L-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti, bir-rispett kollu, tiehu in konsiderazzjoni fatturi ghal kollox soggettivi, li bir-rispett ma jidhirx li kellhom jinzammu in konsiderazzjoni fl-interpretazzjoni ta' tali 'code'. Il-principju bazilari ghall-interpretazzjoni tal-ligi fiskali, specjalment ta' dak li jirrigwarda l-harmonized system, huwa dak literali. Il-kliem ghandhom jinghataw il-portata naturali taghhom fil-kuntest li jintuzaw u mhux f'kuntest iehor li jkun barra mir-regola nnifisha li tkun qeghda tigi interpretata. Il-kliem kien car, u cioe` dak li kellu jitqies kien, l-oggett in kwistjoni, fih cocoa extracts jew le. Il-provi sottomessi in gudizzju juru li effettivament il-merkanzija minnu impurtata kien fiha tali essenza jew estratti ta' cocoa jew cikkulata. Fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-oggetti in kwistjoni kien fihom estratti tal-cocoa jew cikkulata imma xorta wahda ma klassifikathomx taht il-klassifika ta' l-oggetti li fihom tali estratti. L-argumentazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet li l-konsistenza ta' dawk l-estratti ma kenitx tali biex taghti lill-oggett il-karattru mixtieq biex ikun ezenti mill-imposta. Dan bir-rispett kollu ma jirriflettix il-volonta` tal-ligi li rrikjediet biss li l-oggett ikun fih tali estratti u xejn izjed. Inoltre pero` hija wkoll azzardata l-konkluzjoni tal-Qorti li l-uzu ta' dawn l-estratti ma kellu l-ebda effett fuq it-toghma u gost ta' l-istess oggett. Ma hemm l-ebda prova f'dan is-sens u ma hux presumibbili li l-uzu ta' tali estratti ma jkollhiex effett fuq l-oggett innifsu. Ghalhekk l-appellant jissottometti bir-rispett li r-raba' eccezzjoni tal-konvenut ma messietx giet milqugha.**

Ghalhekk l-appellant nomine talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma l-precitata sentenza tat-28 ta' Gunju 2002, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut u

tirrevokaha in kwantu laqghet ir-raba' eccezzjoni u cahdet it-talbiet ta' l-attur nomine u b'hekk tiddeciedi billi tichad ukoll ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

**IR-RISPOSTA TAL-KONTROLLUR TAD-DWANA**

5. L-appellat Kontrollur tad-Dwana wiegeb hekk:

**(1) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma stante illi mhuwiex korrett dak li qieghed jissottometti l-appellant fis-sens illi l-Harmonised System Code ghandu jigi interpretat letteralment minghajr ebda referenza ghall-kuntest.**

**(2) Illi fil-fatt huwa maghruf illi l-ewwel principju ta' l-interpretazzjoni ta' kull ligi huwa illi "*in law context is everything*".**

**(3) Illi *di piu*, l-evalwazzjoni teknika tal-prodott in kwistjoni maghmula mid-Dwana kienet korretta u ma kienet tippresta ruhha ghal ebda revizjoni gudizzjarja skond il-principji stabbiliti tal-'judicial review'.**

Ghaldaqstant l-apellat jopponi l-appell.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-appell interpost mill-attur nomine hu essenzjalment ibbazat fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti interpretat malament il-ligi relativa bi ksur ta' l-hekk imsejjah "Harmonized Code".

Skond l-appellant nomine, kellha tinghata tifsira naturali tal-kliem tal-ligi fil-kuntest proprju li l-istess kliem ikun qieghed jintuza. Kulma rrikjeda l-legislatur fil-kaz ta' importazzjoni ta' oggetti bhal dawk li gew importati lokalment mill-appellant nomine kien (dejjem skond l-attur appellant) "biss li l-oggett ikun fih tali estratt u xejn izjed", jigifieri li jkun fihom essenza jew estratt tal-"cocoa" u

cikkulata. Ghalhekk, skond l-appellant nomine, ma kienx hemm il-lok ghal konsiderazzjonijiet addizzjonali bhal dawk li saru mill-ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza. Kwindi, ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenut ma messhiex intlaqghet. Talab ghalhekk ir-revoka tas-sentenza appellata.

6. Bhala fatti jinghad succintament li l-attur nomine – l-appellant odjern – importa helu mill-Belgju. Meta gie biex jirtira din il-merkanzija mid-Dwana ta' Malta, il-Kontrollur deherlu li din il-merkanzija kellha tigi klassifikata taht kategorija li fuqha tithallas imposta taht l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Prodotti Lokali (Kap. 336). L-attur nomine ma qabilx ma' dan – u hekk ghadu tal-fehma – billi jikkontendi li darba li l-merkanzija importata kienet tikkontjeni "cocoa extract" jew "chocolate essence", allura dan kien bizzejjed biex jikklassifikaha taht kategorija diversa minn dik maghzula mill-Kontrollur appellat b'mod li jirrendiha ukoll ezenti mill-hlas ta' kwalsiasi imposta.

7. Jidher ghalhekk mis-suespost li l-kwistjoni bejn il-partijiet hi jekk il-klassifikazzjoni li saret mill-Kontrollur appellat kinitx wahda korretta jew le, jew jekk il-fatt li fil-merkanzija kien hemm tracci ta' kokotina jew cikkulata kienx ifisser li b'daqstant hija kienet allura ezenti mill-hlas ta' l-imposta.

8. Din il-Qorti wara li hadet kont ta' l-aggravju ta' l-appellant nomine u tar-risposta min-naha ta' l-appellant, ma hijiex tal-fehma li l-appell ta' l-attur nomine huwa wiehed fondat. Ibda biex m'ghandux ikun hemm dubju li kien jispetta lill-appellant, bhala Kontrollur tad-Dwana, li jiddetermina kif kellha tigi klassifikata l-merkanzija in kwistjoni, billi tali determinazzjoni min-naha ta' l-appellat tammonta ghal azzjoni amministrattiva u kienet taqa' fil-mansjonijiet tieghu. Diversament ikun ifisser li l-Qorti tkun qeghda tuzurpa l-funzjoni amministrattiva u ma tkunx semplicement qeghda tikkonduci indagini gudizzjarja. Tibqa' ghalhekk il-kwistjoni ewlenija dwar jekk l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti kenitx korretta inkella wahda zbaljata, jew addirittura "azzardata" kif jilmenta l-appellant nomine fir-rikors ta' appell. Din il-Qorti

taghmel pjena riferenza ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet ***Charles sive Carmelo Ellul Sullivan nomine v. Kontrollur tad-Dwana***, deciza fl-24 ta' Settembru 2004, ma' liema sentenza din il-Qorti hija konkordi. Din il-Qorti bhal dik li tat dik id-decizjoni wkoll hija tal-fehma li l-prezenza zghira ta' "cocoa" fil-konsenja importata mill-attur nomine bl-ebda mod ma tbiddel in-natura u l-karattru ta' l-oggett importat minn wahda li tigi klassfikata bhala "helu" ghal ohra li tigi kklassifikata bhala taht il-H.S. Code numru 1806 ezenti mill-hlas ta' imposta. Ma kien hemm ghalhekk xejn azzardat jew zbaljat fl-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti meta qieset l-assjem tal-provi prodotti u waslet ghall-konkluzjoni li issa qeghda tigi mill-gdid ikkontestata mill-attur nomine fl-istadju ta' appell. Dan ukoll in bazi tal-principju li de minimis non curat praetor fis-sens li t-tracci ta' "cocoa" jew "cikkulata" misjuba fil-merkanzija importata ma kellhomx iservu biex jiffrustraw dak il-ghan li l-ligi tad-Dwana riedet tilhaq. Kif tajjeb gie ritenut minn dawn il-Qrati – ara sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***Carmel Zammit v. Anthony Sultana*** moghtija fil-31 ta' Jannar 1994,

"…l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha dejjem tkun marbuta mal-finalita` taghha. M'ghandhiex tigi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li taghti lok ghall-vessazzjoni bla raguni b'applikazzjoni litterali li qatt ma setghet kienet fil-hsieb tal-legislatur."

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto is-sentenza appellata tichad l-appell ta' l-attur nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------